

Brussell, 22 ta' April 2024
(OR. en)

9050/24

ENV 431
SAN 230
CONSOM 158
AGRI 360
DELECT 101

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7628/24 + ADD 1 - C(2024) 1454 final + Annex
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tal-11.3.2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

1. Il-Kummissjoni ppreżentat l-att delegat imsemmi hawn fuq¹ lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 290 TFUE u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament(UE) Nru 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma²,
2. Il-Kummissjoni nnotifikat dan ir-Regolament Delegat fil-11 ta' Marzu 2024, u għaldaqstant, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sat-12 ta' Mejju 2024.

¹ 7628/24 + ADD 1.

² ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32-55

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-att delegat permezz ta' proċedura ta' konsultazzjoni informali u fil-laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' April 2024. Id-delegazzjonijiet qiesu li ma kien hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill joġġezzjona għal dan ir-Regolament Delegat.
 4. Wara li jiskadi l-perjodu ta' xahrejn għall-oġġezzjoni, u dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, ir-Regolament Delegat għandu jiġi ppubblikat u għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat.
 5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jikkonferma, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, l-intenzjoni tiegħu li ma jqajjimx oġġezzjonijiet għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan.
-